IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ROYAL ... OF MALTA
MELITENSIA
ĠUNJU
1963

IL-POETA RUŻAR BRIFFA

Fl ftit xhur il-Musa Maltija tilfet tlieta mill-aqwa talenti mneżbħin minnha u lill-Gżira tagħna naqsulha tlieta mill-aqwa rġiel imsaħħrin warajha. Dun Karm Psaila, Patri Atanasju Cuschieri u Rużar Briffa kienu tliet kolonni li jirfdu l-letteratura Maltija u jwieżnu s-sentiment patrijottiku ta' ġensna. Imma għalkemm magħqudin flimkien f'ideal wieħed kull wieħed mit-tliet ġenji kellu xejra għalih innifsu u lehma li tagħżlu mill-oħrajn.

Dun Karm kien il-poeta nazzjonali, Patri Cuschieri kien il-poeta tal-Madonna u lil Rużar Briffa nistgħu nsejħulu l-poeta tal-qalb għax naħseb li ftit għarfu jfissru daqsu t-tqanqil, ix-xenqiet, il-ħlewwa u l-imrar li jaħkmu fuq il-qalb u jagħsruha jew iferfruha skond il-ħena jew il-ħasra li trodd il-ħajja. Din, naħseb kienet il-fehma tal-poeta l-ieħor Ġużè Chetcuti meta kiteb "Fil-Mewt tat-Tabib Rużar Briffa" dawn il-versi:

".....'Mma l-ġmiel u s-saħħa
ta' versi sbieħ, bħalma pittur fuq tila,
tibqa' turina u l-qalb bihom tferraħha"

Poeti oħrajn kitbu fuq ix-xejriet ta' qalb il-bniedem, imma l-kitba tagħhom fiha leħen għoli li donnu jrid jiġbed is-simpatija jew jolqot il-widna, filwaqt li l-poeżija ta' Briffa issamma' bħal karba jew tnehida li tqanqal ir-ruħ. Poeti oħra jifthu qalbhom u jfittxu mogħdrija jew faraġ fost il-bnedmin, għall-kuntrarju Briffa kellu xejra introspettiva u kien iħobb jinġabar fih innifsu, jistħarreġ il-ħsiebijiet ta' moħħu jew imaħħaħ fuq l-imġieba ta' għajru.

Minn hawn ġej li kulma kiteb Briffa ħareġ taħt għamla mfassla fuq tliet xempji: fantażija, ħajja, lehma għolja u qalb sensitiva. Il-poeżija tiegħu ma tgħawwiġx is-sewwa jew turi ħaġa b'oħra, iżda hi veriliera, safja u sagrosanta; hi l-mera tannatural tal-poeta; raġel sewwa, ħabib sinċier, nisrani tajjeb u bniedem maqtugħ għalih, bniedem li ma jedhiex bil-frugħat jew bit-tlellix tal-ħajja, imma hu raġel għaqli u ġwejjed, medhi b'xogħlu u msaħħar mill-ġmiel tal-ħolqien. Briffa kellu sens partikolari għall-ġmiel u għas-sbuħija (Sbuħija), *hu kien jogħxa*

jħares imqar lejn warda tfuħ għadha kemm tiftaħ (Xebħ) *jew lejn għasfur mimli ħajja u ħeffa jpespes fuq siġra* (Lil Għasfur Igħanni). *Jiena rajtu mitluf jitgħaxxaq b'xitla mimlija ward fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq, rajtu wkoll jieqaf jissamma' l-għana ta' għasfur fuq fergħa fil-ġnien ta' l-Argotti.*

Briffa ma kienx jikteb għall-kotra u anqas ma kien iħaddem il-pinna biex jikseb tifħir u nċensar; bil-kitba tiegħu kien ifittex jagħti sura, aktarx romantika, lil xi ħsieb jew xbieha li tnisslu fil-fantażija ħarkiena tiegħu u hekk iwassalhom lill-qlub magħżulin li bħal tiegħu jistgħallu l-ħajr u s-sliem. Il-poeżija tiegħu hi eku tas-sentimenti grazzjużi u mirqumin li jnebbħu r-ruħ sensibli tiegħu u jgħolluha 'l fuq mill-materjaliżm tal-ħajja ordinarja. Billi t-talent tiegħu kien imseddaq mill-ġmiel, Briffa ma kienx jikkuntenta bl-ewwel sura li jieħdu l-versi tiegħu, iżda kien idum ħafna jagħġinhom, jorqomhom u jsebbaħhom sakemm iġibhom jaqblu mal-lehma ta' moħħu u max-xewqa ta' qalbu.

Briffa ma kienx poeta minħabba x-xejra letterarja li kellu biss; hu kien poeta minn qaddisu, u għalhekk kien iħoss x'jimbuttah biex jagħti sura poetika lill-immaġinazzjonijiet li dikment jitnisslu fil-fantażija tiegħu. Xogħol, għawġ, taħwid tal-ħajja, għira tal-bnedmin, ħadd u xejn ma kien jista' jżommu li jiftaħ il-bwieb tal-fantażija tiegħu u jħalli joħorġu gliegel ta' ġmiel u ta' seher li bħal wied ikarkru quddiemhom il-ħotob tal-ħajja u jsaqqu l-qlub għajjinin u mxennqin għas-serħ u għas-sliem. Mhux darba jew tnejn meta konna niltaqgħu u mmorru nagħmlu passejn flimkien, waqt li nkunu nitkellmu fuq it-tweġħir li niltaqgħu miegħu, Rużar kien f'daqqa waħda jieqaf u jaqleb il-kliem; kien jinsa mard, kura, dmirijiet ta' l-uffiċċju u erħilu jtaqtaq dwar versi, aċċenti u sillabi. Madanakollu, Briffa ma kienx iħobb iraqqaq fil-grammatka u anqas ma kien jintilef wara l-ortografija; għalih kienet aktar tgħodd il-materja mill-forma; il-ħafna korrezzjonijiet li wieħed jara fl-manuskritti tiegħu huma aktar dwar l-espressjoni tal-ħsieb milli dwar is-sura ta' l-idea; għalih kienet aktar issarraf il-qalb milli l-qoxra tal-ħidma poetika.

Briffa kellu qalb ħanina (Wieħed Biss), *sensibli* (Swied il-Qalb) *u mimlija mogħdrija* (Il-Għanja ta' l-Imnikket). *Hu kien iħoss ġibda lejn għajru u għalhekk fil-poeżija tiegħu wieħed jintebah b'ħarira ta' ħniena u sedqa u tolleranza għall-ġeneru uman. Hu aktar kien jgħolli s-sabiħ u jagħżlu mill-ikrah fil-ħajja tal-bniedem. Hu kien jogħxa wara t-tajjeb, iżda ma kienx iġenneb il-ħażen; mhux biss, iżda kien jixtieq igħinu u jfarrġu.*

Il-lum il-poeta Rużar Briffa ma għadux magħna, imma qabel ħalliena hu kebbes nar ta' dawl qawwi u fetaħ triq ta' riżq: it-triq twassal għall-faraġ tal-qalb u għas-serħien tal-moħħ. id-dawl imexxina lejn dawk iż-żewġ sisien tal-ħena tar-ruħ li mingħajrhom il-ħajja tal-bniedem ma fiha l-ebda riżq u barka.

IN MEMORIAM

RUZAR BRIFFA

Ta' A. CREMONA

Żgħażagħ Maltin! minn għandna l-ħajja ġdida! Qasira l-ħajja u x-xogħol tagħna kbir.

RUŻAR BRIFFA—Poeżiji—



(Bil-korteżija ta' l'"Orizzont").

WARA t-telfa tax-xwejjaħ Poeta Nazzjonali tagħna li kien xegħel fl-kittieba tal-ġenerazzjoni l-ġdida l-ewwel ħuġġieġa tal-poeżija klassika Maltija li tagħha kellna l-ewwel dija fil-versi tar-romanier u poeta vetaran Malti Ġużè Muscat Azzopardi; wara t-telfa tal-Poeta tal-Madonna, il-Professur Cuschieri, li tana fil-ħlewwa tal-ftit versi tiegħu għamla ta' poeżija lirika li fil-letteratura Maltija baqgħet tiddi bħala ġawhra li bħalha ma kellniex u lanqas għad għandna, sew sew bil-kemm wara sena u nofs, kellna nġarrbu telfa oħra bil-mewt tal-Poeta RUŻAR BRIFFA fil-għodwa tat-22 ta' Frar li għadda—telfa ta' bniedem li jekk ma kellux dak l-istess mertu taż-żewġ poeti li tlifniehom qablu ,hekk f'qasir żmien kellu, barra l-ġenju poetiku tiegħu, dak il-mertu kbir li kien ikun biżżejjed biex ismu jitqiegħed f'tarf l-istorja ta' waħda mill-Għaqdiet Letterarji kbar tal-Malti li tnisslet fi ħdan l-*Alma Mater* u l-lum għandha isem sabiħ fl-annali ta' l-istudju tal-Malti marbut ma' dak tal-Kattedra tal-Malti fl-Università.

Għalhekk lil Rużar Briffa nafuh qabel xejn bħala l-Fun-

datur sew tal-Għaqda tal-Malti fl-Università kemm ukoll bħala l-Fundatur ta' *Leħen Il-Malti*, l-organu ta' l-istess Għaqda.

L-interess għall-koltivazzjoni tal-Lsien Malti Rużar Briffa urieh bikri, saħansitra meta moħħu kien medhi bi studji xjentifiċi tal-mediċina, u b'hekk nistgħu nxebbhuh ma' dawk il-ftit li qablu, fl-istudji xjentifiċi tagħhom, jew fil-professjoni medika tagħhom, ma stmerrewx jedhew bil-kitba letteraria ta' ilsna barranija kif ukoll tal-Malti, fost dawn ta' min isemmi lil G.F. Bonamico, lil Nikol Zammit u lil Sir Temi Zammit.

Kitba ta' proża u ta' versi bil-Malti ta' Rużar Briffa nsibuha fil-paġni ta' l-ewwel snin ta' "Il-Malti". Kien sew sew wara sena li beda joħroġ "Il-Malti" meta Rużar Briffa, għadu student, kien kiseb minn għand il-President tal-Għaqda tagħna, Ġużè Muscat Azzopardi, il-permess li huwa u l-istudenti Universitarji jieħdu sehem bil-kitba tagħhom f'Numru speċjali ta' "Il-Malti". Il-President, f'isem il-Għaqda, laqa' din it-talba bl-akbar għaxqa, kif fisser fid-daħla ta' dan in-Numru Speċjali li ħareġ għeluq it-Tieni Sena ta' "Il-Malti", b'dawn il-kelmiet: "Dan il-Għadd ta' "Il-Malti" hu miktub minn żgħażagħ studenti ta' l-Università tagħna, magħrufin biżżejjed għall-ħeġġa u l-imħabba għal dak li jġib l-isem maħbub ta' Malti. Il-ħruġ tiegħu wkoll ħalleinieh f'idejn wieħed minnhom—Is-Sur Rużar Briffa — biex ikun kollox tagħhom... Fil-ħin li niżżuliom ħajr u nqawwu qalb dawn l-istudenti, nitolbu lill-qarrejja ta' "Il-Malti" li jilqgħu dan il-ktieb bħala għawħra żgħira fil-kuruna letterarja ta' ras il-għażiża Malta tagħna".

F'dan in-Numru ta' "Il-Malti", il-pinna ta' Rużar Briffa bdiet turi l-ewwel xeħtiet tal-fantażija poetika ta' moħħu u tat-taħbit ta' qalbu—xeħtiet romantiċi fiż-żewġ poeżiji *Xebħ* u *Epithalamion*.

Imma l-akbar ħidma tiegħu, għall-koltivazzjoni tal-Malti fost iż-żgħażagħ studenti sħabu, kienet meta hu flimkien ma' sieħbu Ġużè Bonnici—żagħżugħ ieħor ta' ħeġġa li għaliha baqa' msemmi—kien waqqaf il-Għaqda tal-Malti fl-Università bl-organu tagħha "Leħen il-Malti". Dik il-ħabta Rużar Briffa, bniedem ta' rieda sinċiera, bħalma hi l-ispirazzjoni poetika tiegħu, kien fisser il-ħsieb tiegħu dwar it-twaqqif ta' dik il-Għaqda fost sħabu lill-Professur Temi Zammit li għal dik l-aħbar deher imfantas u kemmex xufftejh, għax beża' li dawn iż-żgħażagħ sa jfixklu l-Għaqda tagħna. "Ħallihom jiżirgħu", kont għidtlu jien lill-Professur, "dik tkun mixtla f'għalqa kbira. It-tfal ma jiċ-

ħdu qatt lil missierhom''. U hekk kien. U l-fehma tiegħi twettqet meta Rużar Briffa stess kien stqarr wara fl-editorjal ta' l-ewwel Numru ta' ''Leħen Il-Malti'' (Marzu 1931) meta, fost ħwejjeġ oħra qal: ''Il-Malti'' li toħroġ il-''Għaqda tal-Kittieba tal-Malti'' għadu ħaj, u ma biħsibniex nisirqulu xejn minn ħajtu. Ikun dnub kbir li ħadd ma jaħfirħulna''. Il-Professur Temi Zammit minnufih biddel il-fehma tiegħu u feraħ, u minn dak iż-żmien qatt ma ċaħad li jagħmel il-qalb lil dawn il-kittieba ġodda tal-Malti bil-kontribuzzjonijiet tiegħu ta' stejjer u kitba oħra, fosthom l-ewwel waħda li kienet deħret fl-ewwel Numru tar-Rivista ''Leħen il-Malti''. ''*Aħlef li Tgħid is-Sewwa*'', fil-waqt li Rużar Briffa kien żejjen l-ewwel faċċata ta' dik ir-rivista ġdida bil-versi romantiċi tal-*Ballata*.

Minn dak iż-żmien Rużar Briffa baqa' marbut mal-Għaqda tagħna, fil-waqt ukoll li qatt ma naqas li jikkontribwixxi fir-rivista ta' ''Il-Malti'', u jinqeda bil-kooperazzjoni ta' xi whud mill-Għaqda. Kien talabni saħansitra li niġborlu u ngħaqqadlu għal-''Leħen il-Malti'' antoloġija ta' versi bikrija tal-Lsien Malti; barra minn hekk, wieħed lill-Qarrejja tar-rivsta antoloġija oħra ta' versi mill-pinna ta' poeti tagħna ta' dak iż-żmien, iżda x-xewqa tiegħu b'għoqla kbira tiegħu ma setgħetx titwettaq. Hin bla waqt, b'inkejja tal-ħeġġa u ħrara tiegħu li jibqa' jaħdem għall-''Għaqda tal-Kittieba (Università)'' huwa kellu jerħi t-tmexxija ta' ''Leħen il-Malti'' f'idejn sieħbu Ġużè Bonnici għax kien ħtieġlu jitlaq mill-Ġzira biex jissokta kors ta' taħriġ fl-ispeċjalità tal-professjoni tiegħu. Dan kien fl-aħħar xhur ta' l-Ewwel Sena tal-''Għaqda tal-Malti (Università)''. Sa dak iż-żmien Rużar Briffa kien diġà tana sensiela ta' versi sbieħ fosthom il-poeżija hekk ħelwa ta' erba' kwartini ''*Lil Ommi*''.

Il-poeżija ta' Rużar Briffa mhux dejjem kienet bħalma sirna nafuha minn xi snin 'l hawn. Huwa tista' tgħid kien infired kmieni mill-klassiċiżmu u romantiċiżmu ta' poeti oħra sħabu, biex bena forma, stil u temperament ta' poeżija għalih. Strofi iktarx qosra b'emozjonijiet soġġettivi u ritmu mexxej u melodjuż, ta' mument liriku, li barra li tawh l-isem ta' Prinċep tal-Lirika Maltija, tawh karatteristikament l-isem ta' poeta impressjonista. Għalhekk rajna kemm-il darba li l-Musa ta' Rużar Briffa tixgħel bħal leħħa ta' berqa f'mument li l-qalb tkun qiegħda taħrab mir-realtà tal-ħajja biex tgħix għal mument f'dinja ta' immaġinazzjoni, u, għalhekk, fil-versi tiegħu naraw bħal *silhouettes* fi kwadru ċkejken ta' idejiet ileħħu u jintfew f'daqqa,

imma li jolqtuk fis-sentiment sempliċi iżda sensitiv tagħhom iżjed minn kull kwadru kbir ta' pittura l-iktar imżewqa. U dan, fil-ġenju poetiku ta' Rużar Briffa, għal xi kritiċi, deher ħekk personali, li biex jitfisser ġie li f'xi versi din il-karratteristika warrbet it-teknika tal-għażla u kostruzzjoni prosodijaka tal-kliem.

Meta dan l-aħħar ħareġ fi ktieb il-poeżiji tiegħu—wara talba minn ħbieb li xtaqu jarawhom miġburin u stampati, u t-tħabrik ta' ħabibu, Patri Valentin V. Barbara, O.P., li ikkurahomlu u tal-għażiża martu Louisette li ħadet is-sabar tiġborhomlu f'kopji dattilografati—huwa stess fi ftit kliem, fisser il-karatteristiċi tal-poeżija tiegħu li tagħżlu minn dik tal-poeti sħabu. Fil-kelmtejn *Lill-Qarrejja* f'ras il-Ġabra tal-Poeżiji tiegħu huwa jistqarr kif minn żmien għal ieħor tal-għomor tiegħu ġie li kiteb dawk il-versi: "Uħud", huwa jgħid, "minn dawn il-poeżiji ktibthom fi żmien ta' dwejjaq kbar, ohrajn f'ta' ferħ. Ktibthom għalija u swewli ta' ħafna ġid bħala "escapism"... U d-dwejjaq, iktar mill-ferħ, huwa ħassbom u fissirhom b'dik it-tbissima ta' sabar li kien juri filwaqt li fis-skiet tiegħu kien iħoss f'dawn l-aħħar snin inemnem il-musbieħ ta' ħajtu. B'danakollu huwa kien dejjem jifraħ magħna f'kull laqgħa ta' ferħ jew ta' ġieh għal xi kittieba minn sħabna u għall-progress tal-Malti.

Għadha quddiem għajnejja dik il-ħarsa ċassa tiegħu meta fil-mewt tal-Professur Cuschieri filwaqt li kien wieqaf fi triq ir-Rjali ħdejn il-Kafè tas-Savoy jitgħaxxaq bil-qima ta' dawk li marru wara l-katavru tal-Poeta Karmelitan. Min jaf x'ħass u x'kien għaddej minn rasu dak il-ħin? Qabel kont ukoll iltqajt miegħu lejlet il-funeral ta' Dun Karm u deher li ħa interess ħekk kbir fis-sehem li ħadet l-Għaqda tagħna u ta' l-Università f'dik iċ-ċirkustanza ta' luttu għal bniedem li kien għex maġenbu filbidu tal-ħajja letterarja tiegħu.

* * *

Dan l-aħħar wiċċ Rużar baqa' dejjem b'dik it-tbissima ħelwa tiegħu li kienet, iżda iktarx taħbi d-dwejjaq ta' min kien iħoss li ħajtu mhix se tkun itwal minn dik taż-żewġ poeti sħabu li ħallewna qablu.

Niftakar xi ftit xhur qabel mewtu kont iltqajt miegħu wara li kien ġie minn Ruma; u fraħtlu għax irġajt rajtu qawwi u sħiħ mill-ġdid. Bi tbissima weġibni u qalli: "Il-lum sejjer Londra, Nin, itlob għalija". Għafasli jdejja u telaqni.

Wara li ġie lura minn Londra, għalkemm magħdur u sieket, Rużar baqa' dejjem b'dik it-tbissima fuq fommu, isellem b'dik

it-tbissima ħelwa tiegħu.

Il-qima li wrew lejh sħabu tal-"Għaqda tal-Malti (Università")" kif ukoll tal-Għaqda tagħna, f'okkażjoni mhux inqas ta' niket u ta' ħasra fil-mewt tiegħu ma kenitx inqas minn dik għażżewġ poeti kbar ta' qablu.

Għalkemm it-temp kien ikreh kull min kien jaf lil Rużar Briffa, sew bħala ħabib, kemm bħala tabib ta' dehen u tieba li ma bħalha, kemm ukoll bħala poeta ħekk popolari fost il-kittieba u qarrejja tal-Malti ma naqasx li fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu ma weriex il-għożża u l-qima lejh u jagħtih l-aħħar tislima.

Ma' dik tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u "tal-Għaqda tal-Malti (Università)" ingħaqdet, f'din ix-xhieda ta' għożża għat tifkira tal-Poeta Malti, rappreżentanza sabiħa ta' professuri Universitarji sħabu, studenti, għaqdiet reliġjużi u ċivili, kif ukoll ta' ħbieb.

It-tifkira ta' Rużar Briffa għandha fl-aħħarnett tibqa' ħajja bla ma tmut qatt fil-qalb tal-kittieba sħabu, imma wisq iżjed f'dik tal-ġenerazzjoni ġdida li fil-ħidma tiegħu sabet it-triq miftuħa għall-koltivazzjoni tal-letteratura Maltija.

FIL-MEWT TAT-TABIB RUŻAR BRIFFA

nhar it-22 ta' Frar, 1963

Ta' ĠUŻE' CHETCUTI

Ħabib, tlifniek. Dik is-Setgħa qalila
li ma taħfirha 'l ħadd, ħaddnitek magħha,
u xejn ma swew la għerf u anqas ħila,,
għax int ħallejtna u r-rebħa kienet tagħha.

Mir-riefnu mkarkar qbadt it-triq it-twila
fi ħdan l-eternità. 'Mma l-ġmiel u s-saħħa
ta' versi sbieħ, bħalma pittur fuq tila,
tibqa' turina u l-qalb bihom tferraħha.

Bihom, ħabib, din qalbna tibqa' tifraħ:
l-għanja li ktibt, kollha kemm hi Maltija,
bħal dawl divin tibqa' ġo moħħna timraħ.

Għax int għannejt il-barka taż-Żgħużija
w urejt kif poplu jaf iqum u jirbaħ:
tiegħek, ħabib, il-vera Poeżija.



L-aħħar poeżija "Ballatella tal-Fontana" ta' Rużar Briffa, kif miktuba minn idejh fl-1 ta' Novembru, 1962.

L-AHHAR POEZIJA TA' RUŻAR BRIFFA

Ta' P. VALENTIN V. BARBARA, O.P.

ĦAFNA mill-poeżiji tiegħu ta' l-aħħar—tista' tgħid kollha qsar—Rużar Briffa kitibhom jew il-Barrakka ta' Fuq, fejn kien jitla' jqatta' siegħa żmien fil-hedu, jew il-Mall tal-Furjana, fejn kien jieqaf filgħodu jistenna sa ma jsirlu l-ħin għaż-żjajjar tal-morda fl-Isptar Ċentrali. Meta s-sinjura tiegħu kienet qiegħda tiġbor il-poeżiji kollha tiegħu fiż-żmien li konna qegħdin naħsbu biex inxandruhomlu fi ktieb, hija sabet għadd ġmielu minnhom miktubin fuq biċċiet żgħar ta' karti, bħal folji ta' xi ktejjeb tal-but, karti tar-riċetti, xi reklam ċkejken tad-duwa, jew ukoll fuq in-naħa ta' ġewwa ta' xi pakkett vojt tas-sigaretti, f'kelma waħda, fuq kull biċċa karta li kienet tinzertalu fil-but.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru 1962, ftit wara li l-Poeta kien reġa' lura minn Londra fejn kien mar għall-kura, rajtu bil-qiegħda l-*Café Premier*, fuq waħda mill-imwejjed qrib l-istatwa tar-Reġina, jieħu xi ħaġa flimkien mas-sinjura tiegħu. Billi kont għadni ma ltqajtx miegħu wara l-wasla tiegħu, irsaqt fuqu nifrah bih, u nżilt bilqiegħda maġenbu. Huwa ħareġ mill-but karta bajda mitnija fi tnejn u tahieli f'idejja. "Ħa", qalli, "agħmel biha li trid". Jien, li kont drajtu, minnufih intbaħt x'kien fiha, tbissimtlu, u qbadt niftaħha biex naqraha; iżda huwa żammni: "Le", qalli, "mhux issa, aqraha waħdek imbagħad". Daħħaltha fil-but, għidna kelmtejn qosra fuq ħwejjeġ oħra, sellimna 'l xulxin ta' ħbieb, u bqajt sejjer lejn il-Kulleġġ tagħna ta' Triq l-Ifran, fejn, kif dħalt, irġajt ħriġt il-karta minn buti u, sakemm tlajt it-tarag, fittixt li nifhem dik il-kitba u naqra sewwa l-versi, uħud minnhom imħassrin b'daqqa ta' pinna tal-biro u miktubin mill-ġdid. Minkejja t-taħżiż li kien fiha, sehħli niehu idea ċara tal-poeżija, u kif dħalt fil-klassi wrejtha lit-tfal, kollni ħerqan li kont l-ewwel wieħed li qed naqra l-aħħar poeżija li ħarġet mill-pinna tal-prinċep tal-lirika tagħna, li kellha tkun ukoll l-aħħar waħda ta' ħajtu.

Kienet il-*Ballatella tal-Fontana*, miktuba fuq naħa waħda ta' borża ċkejkna tal-karti, wara nofs in-nhar ta' l-1 ta' Novembru 1962, waqt li Rużar kien bilqiegħda fuq bank ħdejn il-vaska tan-nofs li hemm fil-Barrakka ta' Fuq, wara li kien ħa xi ħaġa

mill-*Café Premier* u tefa' l-borża vojta fil-but.

Meta ftit aktar minn sentejn qabel kont qiegħed nittajpja mill-ġdid il-poeżiji kollha tiegħu għall-istampa, ġie li 'l hawn u 'l hinn kont niltaqa' ma' xi diffikultà dwar xi nuqqasijiet żgħar żgħar grammatikali, sintattiċi jew metriċi ma kontx inkun irrid nitgħabba bir-responsabbiltà li nbiddillu mqar l-iċken ħaġa minn rajja, l-aktar f'dawk il-poeżiji li kienu diġà magħrufa sewwa, u għalhekk bid-dħulija kollha kont infissirlu l-fehma tiegħi. Iżda Ružar, umli u twajjeb, kien ikollu dejjem tweġiba li lili kienet tħawwadni mhux ftit: "*Jien ma nafx... Issa agħmel int... Tgħidli xejn... Ma rridx naf... Irranġa int...*" L-istess fiduċja kbira, li kien juri fija, lili kienet torbotli idejja u, għall-qima li kelli lejn il-kobor tiegħu bħala poeta, kont indum qatigħ intella' u nniżżel biex fil-bogħol ħafna nbiddel xi ħaġa ċkejkna li, wara kollox, kien dejjem ikollha n-*Nihil Obstat* u l-*Imprimatur* sħaħ tiegħu. U għalhekk fhimtu sewwa x'ried igħidli b'dik l-"*agħmel biha li trid*" ta' Novembru li għadda.

Il-*Ballatella tal-Fontana* hija poeżija ("*moderna*" kien qalli) qasira bil-versi tas-sebgħa; fiha tliet strofi ta' erba' versi watja kull waħda, bir-rima bejn it-tieni u r-raba' vers, u kull strofa tagħlaq bl-istess ritornell ta' żewġ versi, l-aħħar wieħed maqtugħ. Il-biċċa l-kbira tal-punteġġatura, ħaġa li fiha Ružar ma kienx ħali, kelli nagħmilha jien; ħekk ukoll, minħabba r-ritmu, żidt il-kelma "*u*" fil-bidu ta' l-ewwel vers ta' l-ewwel strofa u tat-tielet vers tat-tielet strofa. Kont tlabtu biex fit-tieni vers ta' l-ewwel strofa jħallini nbiddel il-kelma "*viċin*" u nagħmilha "*fil-qrib*", kemm għax *viċin* hija barbariżmu, kif ukoll għax il-konsonanti ħelwa "**ċ**" ħassejtha kemmxejn stonata qalb dawk il-konsonanti ħorox ta' l-ewwel strofa. It-tweġiba kienet tas-soltu: "*Jien ma għidtlekx biex tagħmel li trid?*" Wara li ħsibtha aħjar, deherli li l-kelma oriġinali setgħet toqgħod tajjeb ukoll, jekk mhux għal ħaġ'oħra, għar-raġuni ta'-xi ħjiel ta' onomatopeja, kif ukoll għax ma hix il-barbariżmu waħdani li fiha l-poeżija. Fuq in-naħa tal-lemin tal-karta, fil-wisa' mħolli mill-versi, kien hemm miktub vertikalment vers ieħor li l-ħsieb tiegħu jaqbel mat-tieni strofa: *Gregorjan ta' kattidrali*, vers li l-Poeta waqagħlu f'moħħu wara li kien diġà ħadem l-ewwel żewġ versi, iżda li mbagħad ma nqediex bih għaliex, barra milli ritmikament ma jaqbilx ma' l-oħrajn, il-ħsieb tiegħu kien diġà mfisser biżżejjed u aħjar fil-versi miktuba qabel.

L-aħħar edizzjoni tal-poeżija, approvata mill-Poeta, hi din:

U qniepen, qniepen, qniepen,
Qniepen viċin, fil-bogħod,
Leħenhom f'dell l-għaxija
Minn fomm il-għajn jirtogħod —
Fontana misterjuża
Ta' holm u ta' xewqat.

Għanjiet taż-żmien warrani
Fit-tempji ilhom mitfija;
'Ma llum minn ġo l-Fontana
Mill-ġdid il-Liturġija —
Fontana misterjuża
Ta' holm u ta' xewqat.

Bakkan fiċ-ċimiteri,
Fis-sħarijiet tal-qamar,
U żfin minn dlam l-alkovi...
Titniehed l-għajn bla sabar —
Fontana misterjuża
Ta' holm u ta' xewqat.

Ma rridx ngħid li Rużar Briffa kiteb din il-poeżija bil-ħsieb f'moħħu tat-tmiem tiegħu fil-qrib; għad li lilu, bħala tabib, ma setgħetx taħrablu l-qilla tal-marda tiegħu u f'xi waqtiet kien donnu jaħbat jaqta' qalbu mill-ħajja li minnha mhux għalkemm wieħed jasal biex jinfatam, madankollu *l-Ballatella tal-Fontana* taqbel għal kollox mal-leħma ġenerali tal-lirika karatteristika tiegħu.

Iżda l-lum li Rużar mhuwiex aktar magħna fid-dinja li tidher, jiena nistħajjilha bħala l-aħħar siġill ta' l-ispirtu tiegħu, il-firma fil-qiegħ ta' ħidma mitmuma, imniżżla bl-id imriegħda ta' bniedem li qiegħed iħoss—li *jaf*—li l-"Fontana misterjuża tax-xewqat u tal-ħolm" tiegħu qiegħda "titniehed bla sabar" għax waslet biex tinxef. Jiena nimmaġinah, lill-għażiż Rużar, bilqiegħda fuq bank ħdejn il-vaska tan-nofs fil-Barrakka ta' Fuq, sieq fuq sieq, iserraħ fuq irkobbtu dik il-ħalja borża tal-karti, iniżżel fuqha t-tqanqiliet ta' ruħu, filwaqt li mill-knejjes "tal-qrib u tal-bogħod" kien qiegħed jasallu d-diwi mnikket

tal-qniepen iħabbru lejlet il-Għid ta' l-Imwiet, imfissrin hekk tajjeb fil-gelgul ta' aċċenti twal li bihom hi mimlija l-Ballata mill-bidu sat-tmiem.

U rrid nibqa' dejjem inħares hekk lejh lil Rużar, f'din il-qagħda, waħdu, ħosbien, b'dak id-dell ta' niket sieber fuq wiċċu, Rużar ta' ruħ kbira u kollha mogħdrija, Rużar ħiemed u sentimentali, li jaf iħoss u jħobb, Rużar Briffa.

FIL-MEWT TA' RUŻAR BRIFFA

Ta' P. VALENTIN BARBARA O.P.

Fil-qiegħ tal-qalb, fejn l-aktar hi setgħana,
Fejn l-aktar hi mifruxa s-saltna ħiemda
Tal-ħolm u tax-xewqat, ħalluni ninżel,
Bgħid mill-ħolqien. Hemm, f'dak il-beraħ wiesa',
Fid-dawl ta' xemx li biss joħolqu bħalha
L-erwieħ il-kbar, irrid niġġerra waħdi
Qalb l-oħla tifkiriet, il-ftit li ħajti
Tgħożż fost is-sbieħ, u ruħi mbellha u liebta
Fin-niket kbir tat-telfa ta' nofs ġidha
Tistħajjel fwieħet il-ward li jfisser ismu.

Kien saċerdot ta' Ewterpe, mibgħut minnha
Fil-maqdes tagħha biex bl-inċens ifewwaħ
Xbihatha minquxin, b'sengħa tal-għaġeb,
F'wiċċ il-ħolqien sabiħ li minnu ssaħħar.
Siġar, għoljiet, għejun ħassew il-fwieħa
Tal-bħur minnu maħruq b'qima ta' iben,
U għalenija qabdu l-għanja ġdida
Ta' sebħ minnu minsuġa f'ġenn imħabbtu,
Li ħawi toħroġ minn xofftejn mewwieta.
'Ma x'ħin il-għanja kienet għadha tidwi,
Tofroq iż-żmien u l-wisa' u 'l fuq tittajjar,
Ewterpe, hienja fil-ħolqien ta' ġufha,
Li temm, kif xtaqet hija, il-ħidma tiegħu,
Sejħitlu fil-quċċata ta' l-Olimpu
U qiegħdet b'idha stess ir-rand fuq ġbinu.

'Ma r-randa sbejħa, ukoll jekk qatt ma tinxef,
X'se tiswa lili u lilek, Annabella,

Żewġ djakni, jiena u int, li flimkien miegħu
Għarna minn fuq l-artal ta' ħajtu l-weraq
U l-ward li qata' minn ġo l-ġnien ta' ruħu
U bnejna bih il-mafkar dehbi tiegħu?
Il-frotta tagħha f'fomm l-allat hi benna,
Iżda l-eħrex imrar għalik u għalija!
Mur, mara mnikkta, taffi t-togħma tagħha
Bi dmugħ għajnejk li, jekk int magħha xxebbhu,
Jinżillek ħelu daqs il-għasel Malti.
Jien, issa waħdi wisq aktar minn qabel,
Bi ħsibijieti ngħum fil-baħħ li ħalla,
U nfittex nifhem, jekk xi darba jseħħli,
Għax għandu s-sabiħ jgħib biex jisbieħ aktar.

LIL RUŻAR TA' QALBI

Ta' ĠORĠ PISANI

Rużar ta' qalbi, jekk hemm post fil-ġenna
fejn jgħammru ferħanin l-anġli tal-għana
postok hu hemm, talli bl-ohla benna
kantajt l-isbaħ għanjiet ta' l-Ilsien tagħna.

Bħalek ma għanna ħadd; ġo fik moħbija
kien hemm kuluri kbar minsuġin sewwa,
kien hemm miġra ta' daqq u t'armonija,
kien hemm xmara ta' dawl ta' ferħ u ħlewwa.

Bħalek ma jgħanni ħadd; is-seher tiegħek
ma jintlaħaqx, ma jintiritx mill-bqija,
u ġewwa l-qabar jibqa' nieżel miegħek
għax lilek tatu biss il-Poeżija.

Rużar ta' qalbi, mbierka dik il-vina
li tatna ġmiel etern, mużka divina.

NOTA: L-aħħar tifkira li għandi tal-Poeta Rużar Briffa ħuwa ktieb tal-Poeżiji tiegħu li bagħatli hu stess awtografat b'dawn il-kelmiet: "Lil Ġorġ ta' qalbi". Għalhekk ħassejt illi dan is-sunett, miktub ftit wara l-mewt tiegħu, kelli nsemmih ukoll: "Lil Rużar ta' Qalbi".

G.P.

L-AĦĦAR POEZIJI TA' RUŻAR BRIFFA

Ta' ĠUŻE' DIACONO

META Rużar Briffa kien ġabar il-poeżiji tiegħu fi ktieb fl-1960, kien 'talabni nfisser il-fehmiet tiegħi dwarhom fil-paġna ta' kritika letterarja li jiena nxandar 'ta' kull ġimgħa fil-Berqa. Aċċettajt b'ħerqa, imma ħadt ftit taż-żmien. Kont xi ftit imħabbat, l-affarijiet minni neħodhom bil-mod, u ridt anki naqra sewwa u bir-reqqa kull paġna ta' dak il-volum irqiq, qabel naqbad nikteb dwar il-lirika delikata, mimlija ġmiel ta' ħsieb u kelma, ħalliema, xewqana, kemmxejn ċinika, diżilluża, fejn til-maħ bħalkieku f'mera l-awtobijografija psikoloġika ta' Rużar Briffa.

Għadda ftit taż-żmien ġmielu, imma sa fl-aħħar l-istudju tiegħi deher. Ftit jiem wara, kif kont għaddej min-nofs l-imwejjed tal-Café Premier, niltaqa' ma' Rużar u martu Louisette. Dlonk ġie fuqi, u qalli kemm kien għoġbu dak li jiena kont ktibt. "Isma'," qalli, nistqarrlek li għall-ewwel ħsibt li kont tgħaddini biż-żmien, Ġuż, imma issa qed nara għaliex domt—qrajt kollox u fhimtni. Grazzi..."

Tabilħaqq, jiena kont ikkommentajt il-lirika ta' Rużar Briffa mhux biss għal dik li hi arti lirika, imma anki għal dik li hi ispirazzjoni, il-ħsus li ferrħuh jew għafsulu qalbu, u nebbħulu nixxiegħa rqiqa imma safja u bnina, ta' versi mħassba, mimlija mrar u niket, u waslu biex sikktuh għalkollox, imma mbagħad mat-tieni żwieġ tiegħu, għamluh żagħżugħ mill-ġdid, żagħżugħ ferrieħi, li ma riedx jaf bi dwejjaq...

Issa, ftit jiem wara mewtu, is-Sinjura Briffa tatni l-manoskritti li Rużar ħalla — poeżiji, jew biċċiet ta' poeżiji, x'uħud minnhom bla titlu, oħrajn mhux ħlief abbozzi ta' l-ewwel ispirazzjoni fejn jidher li għad jonqos l-irfinar, maħżużin fuq bċejjeċ ta' karta li l-poeta kien isib f'butu dak il-waqt—fuq folji min-*note-books*, fuq id-dahar ta' manifesti, ta' mediċinali, saħansitra fuq biċċa kartuna... miktubin aktarx fuq xi bank tal-Barrakka ta' Fuq. Rużar kien imur id-dar, u jgħid lil martu, "Ara, Lu, ktibt din il-lum," u jagħtiha f'idejha tentufa karta...

Haġa li laqtitni f'dawn l-aħħar versi ta' Rużar Briffa hija dik li ħafna minnhom nebbħithomlu l-Barrakka ta' Fuq, jekk anzi

ma kitibhomx kollha hemm, b'xi eċċezzjoni forsi ta' xi ħaġa li sata' kiteb fuq xi mejda tal-Cafè Premier. Kien minn dejjem magħmul għalih waħdu, bniedem kiebi, bilkemm jilmħek jekk tiltaqa' miegħu, u minn bosta snin 'il hawn, hemm kont issibu, jekk mhux l-Isptar jew fil-klinika—waħdu, l-aktar l-aktar ma' martu, jew il-Barrakka ta' Fuq, jew xi mejda iżolata l-Cafè Premier.

Kienet il-Barrakka ta' Fuq, anzi, biex inkun aktar preċiż, dik il-funtana ta' ebda ġmiel, komuni, li hemm f'nofsha, li nebbħitlu dik li kellha tkun l-aħħar lirika tiegħu, "Il-Ballatella tal-Funtana"—versi l-ġmiel tagħhom, leħen ġwejjed, sieber, li jiftakar, u, minkejja kollox, għadu jitħallem u jittama. Leħen il-qniepen, "minn fomm il-għajn jirtogħod", jixxennaq fidi ġdida—niehed bla sabar :

**Ma l-lum minn ġo l-Funtana*
Mill-ġdid il-Liturġija.—

kienet l-aħħar għajta ta' Rużar Briffa, għajta ta' bniedem li sama' l-qniepen isejħu, nesa r-rewixta ta' l-imgħoddi, u f'sottomissjoni trijonfanti ntelaq f'dirgħajn Kristu.

Xegħlet fih it-tama moħbija wara kull xewqa, għadilli sa l-aħħar Rużar baqa' jħoss l-għafsa u l-inkejja tal-imgħoddi, il-kidda tal-ħolm li ma seħħx. Bla data, imma mhux wisq qabel miet, kiteb għaxar linji, mhux aktar, fejn semma' forsi l-aktar għajta muġugħa, miksura, tal-versi kollha tiegħu, l-aħħar ilfiqa f'ħajja li tatu ħlewwa, imma siltitlu wkoll — minn minna ma daqux!—ħafna dmugħ mielaħ :

Minn kulma ħlomt f'żgħoriti—
Infittex—kollox baħħ.
Il-qalb xiħa u għajjiena
Ma tafx itgħid ħlief "aħħ".
Li ħlomt kien kollu ħolma,
Li għext kien ħajja biss.
Ah, kieku t-tnejn ingħaqdu.
Il-qamar kont immiss.
Issa qasira l-ħajja
U l-ħolm duħħan itir

Hekk jispiċċaw dawn l-għaxar linji għajjiena, kif tarawhom hawn, bla punt jew puntini. Kull vers tnehida, kull ħsieb ilfiqa,

*Ara paġna 43

kull għajta weġġħa. Kollox kien frugħa, baħħ, u issa kollox mitmum. Forsi anqas dawn il-versi ma huma mitmuma, *forsi Rużar hekk ried iħallihom.* Wara kollox, issa xjieħ, mhux fis-snin, *imma fit-tiġrib,* fil-qtugħ ta' qalb; issa ma fadallux żmien joħlom u jittama, issa ftit baqa', issa jiesu maqtugħ minn din il-ħajja, "issa qasira l-ħajja u l-ħolm duħħan itir"...

Il-marda kiefra li kienet tressqu lejn qabru, kienet sejra toftmu mill-ideal, il-missjoni tiegħu ta' tabib, mill-egħżież tiegħu l-lebbrużi, dawk li tant ħass għalihom, meta sab ruħu f'nofshom fl-Indja, u kiteb—

u demmi kesaħ fija,
għall-ewwel darba mitt:
għal żmien indfint ħaj mejjet,
għal żmien mill-għana skitt.

"Dawk il-lebbrużi, x'se jagħmlu mingħajri," kien igħid lil martu. "X'se jagħmlu meta mmut jien?" Ma waqaf qatt. Meta martu bdiet tarah sejjer lura, jinstilet, jinża' l-laħam, jisfa' fix-xejn, jegħja, meta ratu ma jiflahx aktar riedet kieku tragġa' l-morda lura minn wara biebu. Dan kien l-aħħar pass iddisprat, iżda Rużar waqfilha. "Le, f'dan ma tindaħallix," kien qalilha. "Lill-morda ma nibdilhom ma' ħadd—jien naf x'jiġifieri, issa, li wieħed ikun irid tabib..."

Martu kienet twasslu sa' l-isptar bil-karrozza, ta' kull filgħodu, u b'għafsa ta' qalb tarah dieħel, għajjien u qalbu sewda, biex jieħu ħsieb il-morda. Spiċċat biex tmur miegħu hija nfisha sa fil-klinika, saret in-"nurse" tiegħu. Rużar ma kienx jiflaħ jitkellem, u, biex isserrħu kienet tagħmel il-mistoqsijiet hi lill-morda. Hu kien jisma' tweġibhom, jeżaminahom, u jiktbilhom il-kura.

Sadattant, il-marda, anki psikoloġikament, kienet tagħmel bih bl-ikrah. Beda jaqta' jiesu. F'lirika oħra, mhux ta' valur kbir, li ispiratlu l-Barrakka ta' Fuq f'dawn l-aħħar żmenijiet, kiteb :

**Jien nitla' l-Barrakka*
Ha nfittex ftit mistrieħ—
Jew nitla' l-Barrakka
Għax naf li qed nixjieħ?

*Ara paġna 55.

Kurjuża fi Briffa l-ossessjoni tiegħu fuq ix-xjuħija, kurjuża u tolqtok aktar u aktar għax, b'dak in-natural tiegħu, serju u kiebi, kont titħajjar tgħid li xjieħ qabel il-waqt.

Sa minn żgħoritu, fl-1928, meta kien għadu żagħżugħ ta' 22 sena, kiteb f'"Deżolazzjoni" :

Il-għanja bla mistrieħ
Ta' min jaf illi tilef
U qabel kiber xjieħ..."

Żagħżugħ fis-snin, imma xiħ fit-tigrib. Iżda mbagħad iltaqa' mal-mara li ferrħitlu t-tieni nofs ta' ħajtu, Louisette Attard Bajona, u fl-1956 kiteb "Lil Annabella" :

Ha jkun ix-xagħ'r bajdani,
Ha tkun il-kisra tal-għajnejn għajjiena;
Irridek ħdejja...
Idejk irrid f'idejja...
U l-għana li għannejt tul iż-żgħorija
Jien nibqa' ngħannik miegħek
Fix-xjuħija.

L-imħabba għamlitu żagħżugħ mill-ġdid, imma jaħasra, għaddew ftit snin, u xejħitu l-marda. Darbtejn, fil-lirika li kiteb fl-aħħar żmien ta' ħajtu, xiħ żagħżugħ ta' 57, jilmenta mix-xjuħija : "Il-qalb xiħa u għajjiena," u għal darb'oħra, "naf li qed nixjieħ".

Rużar Briffa ma riedx jieqaf, ma riedx jitlaq għal rajhom lill-morda tiegħu, imma sadattant kien jedha jaħseb fiż-żmien ta' serħan li kien riesaq. Hekk kif kien ikun bilqiegħda ma' martu l-Cafè Premier kien joqgħod igħidilha kif kienu sejrin iqattgħu s-snin li ġejjin, kemm kienu ser isiefru. U kien igħidilha, "Għad tarani npaċpaċ hemm, magħhom..." u juriha lil dawk li kien ikun hemm fuq l-għatba tal-Każin Malti. Imma saħansitra hawn donnu ma kienx moħħu mistrieħ, ma ssugrax iħalli lilu nnifsu jitħallem, il-ħajja kienet għamlet wisq bih. Hawn huma żewġ strofi li kiteb fis-17 ta' Lulju ta' l-1961 fuq manifestin roża ta' ditta li timporta l-mediċinali Midy fil-Brażil, u semmihom : "Il-Każin Malti" :

** Fuq l-għatba tal-"Każin"*
Salt xjuħ fix-xemx weqfin,
Iħarsu lejn iż-żgħażagħ
Bil-għaġla għaddejjin.

M'hemmx ħolm għall-għajjenin,
Fuq l-għatba tal-"Każin"
Fi żmienhom mexxew Malta
Imm'issa minsijin.

Minn hawn, minn dan it-tħassib, minn din it-telqa passiva ta' min hu qalbu maqtugħa u rassenjat, mis-*self-pity* li taħkem lill-bniedem, meta, ikkundannat, jibki lil xortih u lilu nnifsu, forsi nibtu ftit versi mhux mitmuma, li Briffa semma "X-Ray Clinic". Ma jġibux data, imma naf li kitibhom ftit wara li mess lilu t-tħassib u qtugħ-il-qalb ta' dawk li jkunu jistennew b'qalbhom ittaqtaq il-verdett tal-X-Ray. Mill-appartament tiegħu f'*Vincenti Buildings*, fi Strait Street, kien jara n-nies dieħla fil-klinika ta' l-*X-Ray* li kellu biswitu, u mindu marad dan kien beda jagħmel bih. Minn hawn forsi ġejja wkoll il-lirika sentimentali "Vjolin Marid", fejn jitħassar ix-xorti ta' vjolinist magħruf, li fiż-żmien ħadlu b'idu sultan u diva bisitu, u l-lum—

**Il-lum...*
Klement vjolinista
Fi triq il-baħrin,
Klement il-pupletku
Iħanxer vjolin.

Fost bċejjeċ oħra f'dawn il-manuskritti li għandi f'idejja, hemm lirika f'vers liberu dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta* li Rużar ħalla bla isem u bla data; hemm l-oħra mhux mitmuma, u anqas mirquma, jisimha "Barrakka ta' Fuq", b'varjazzjoni ta' l-ewwel strofa, u b'sitt versi flok erbgħa fl-aħħar strofa.

Hemm ukoll żewġ strofi ta' tliet versi l-waħda, forsi mitmuma u forsi le—imma joqogħdu tajjeb kif inhuma, bla data wkoll, "Il-Ħmar". Aktarx li dawn iż-żewġ strofi huma t-tribut ta' Rużar Briffa lill-poeta li tant kien iħobb għall-umiltà tiegħu, Trilussa. Tabilħaqq, kien wara li l-kunjata tiegħu, is-sinjura Wanda Fiorini ikkwotatlu "Il Porco in Socjetà," li huwa kitibhom, u fihom żamm il-ħsieb ta' Trilussa.

*Ara paġna 53.

Ma nixtieqx nagħlaq bla ma nagħmel xi riferenza għal bosta versi oħra li ħalla Rużar Briffa, x'uħud minnhom mitluqin kif ħarġu mill-ewwel ispirazzjoni, oħrajn mibdija u mhux mitmuma, u oħrajn xejn aktar minn tentativi (Ara *Leħen il-Malti*, 1963, Numru Speċjali) kollha miktubin mindu ħareġ il-ktieb tiegħu, POEŻIJI, fejn kien ġabar dak li kiteb sa Lulju ta' l-1960. Minn dawn inħajjarkom taqraw "Esperiment" fil-Poeżija Moderna". Naħseb li kieku kellu jagħti dedika lil dik il-poeżija kien jiddedikaha lill-"marid". Kitibha l-Barrakka ta' Fuq f'Settembru li għadda, meta tmiemu kien qed joqrob. Fiha jrid jinsa, u jħajjar lil min jinsa dak li huwa l-lum; sejjer lejn il-ġejjieni, imma minn fejn ma jiġux nies—.

Ejja, ħi, 'l hawn
Gib idejk ġewwa idejja
Imxi ħdejja...
Ha mmorru lejn Bu Fies
Minn fejn ma jiġux nies.

U kemm hu rassenjat:

La naslu ġo Bu Fies
Nibqgħu hemmhekk man-nies
Li ċaħdu l-Fama u l-Għana

u l-lussu ta' l-Ilbies.
Għidli, Ccmarade,
Trid terġa' lura?

Darbtejn, fi bċejjeċ mhux mitmuma, fi-1961, itenni l-ftuħ tal-"Għanja ta' l-Imnikket" (1943), "Oh Madonna tad-Duluri", u jerġa' darb'oħra fl-ewwel abbozz ta' lirika bla data.

F'"Ecce Homo", aktarx ta' l-1957, itenni l-ilment fuq ix-xjuħija, kważi jtenni l-ħsieb ta' "Dežolazzjoni"—

.....
Iż-żlieġa tweġġa' ta' min jaf li xjieħ
Fl-aħjar ta' ħajtu.

Issib ukoll xi vrus li żgur li huma l-ewwel ħjilijiet, l-ewwel tentativi, li Briffa ħalla jixxettlu f'moħħu, sakemm fl-aħħar nib-

tet "Il-Ballatella tal-Funtana", aktar minn sena wara.

F'lirika espressiva u qawwija, "Dawl l-Eternità" (1960) jaqta' jiesu mid-dawl ta' din l-art—

Daqsxejn ta' Bomba Atomika
U d-dawl ma' kullimkien
U fuq id-dinja l-ħerba
U fuq palazzi għall-bnedmin
Il-ħofra tal-firien'.

imma jittama fid-dawl t'Alla—

Iżd'hemm il-kelma Eterna
Li tiddi kull żmien
Tiddi bla ebda fiżika
Fuq l-univers għajjien.

Nagħlaq b'żewġ stanzi minn poeżija ta' ħames kwartini bla isem, ta' Ottubru ta' l-1960—

Il-bieraħ kont imdejjaq
Fi knisja żgħira nħbejt
Fid-dlam u fis-skiet għeri
Id-dieq tal-ħajja nsejt.

Sthajjiltni li f'ġuf ormi
Għall-kenn u l-benna dħalt
U minn tant dmugħ u niket
Jien sibt is-serħan f'salt.

Sejjer intemm bihom, għax huma l-kliem ta' poeta maħkum mill-bidu tal-marda li kellha twasslu fil-qabar, ta' bniedem li qatt ma fittex kobor jew popolarità, iżda baqa' dejjem għaliħ waħdu, bniedem ta' ftit kliem u ftit ħbieb, imwarrab mis-soċjetà; ta' raġel għajjien, mikdud u disilluż li fittex il-paċi bogħod mill-għagħa u mill-ħamba, u sfog fil-lirika li ħallielna b'wirt prezzjuż.

POEZIJI TA' RUZAR BRIFFA MHUX IPPUBBLIKATI

VJOLIN MARID

Vjolin f'idejn il-pupletku,
Fi djuq it-triq tal-baħrin—
Marradi min qiegħed idoqqu,
Bla ħlewwa l-ażmatku vjolin!

Min jitfa' xi sold għax ħanin,
L-oħrajn jitkellmu ħażin.

Maestro Clemente de Monte Real,
Il-prim fost il-primi vjolini tar-"Rjal",
Ir-Re Dwardu Sebgħa kien ħadlu b'idejh,
Muchacha Lolita bisitlu xofftejh.
*Il-lum...

Klement vjolinista
Klement vjolinista
Fi triq il-baħrin,
Klement il-pupletku
Iħanxar vjolin.

17.9.62

IL-KAŻIN MALTI

Fuq l-għatba tal-'Każin',
Salt xjuħ fix-xemx weqfin,
Iħarsu lejn iż-żgħażagħ
Bil-għaġla għaddejjin.

M'hemmx ħolm għall-għajjenin
Fuq l-għatba tal-'Każin';
Fi żmienhom mexxew Malta,
Imm'issa minsijin.

17.7.61

?

(Bla data, bla isem—Iktarx "Lil San Pawl")

Fuq il-Gżira ħerba kbira,
Mhux ta' faqar,
'Ma ta' Din...
B'deh'b u ġawhar
Djar u mqades
Imżejnin.
Ġewwa l-bliet
Il-qima kbira
Lejn Astart,
U ġo r-rħula
Biża', regħxa
Minn Mellqart.

F'daqqa waħda
Kemm sajjetti
U kemm riħ;
Qamu f'daqqa
Mill-imqades
Il-Allat
Halli l-mewġ
Bil-qilla tiegħu
Idawruh
Fuq tagħna
Il-blat.

Tkissru kollha
Fuq il-blat
Dgħajjes żgħar
U dgħajjes kbar:
Kbira l-qilla
Ta' l-Allat.

'Ma l-imqit Pawlu ta' Tarsu.
Ir-Rażul,
Biex irażżan lill-Allat
Kien magħżul.

Waqgħet ħerba
Fuq l-imqades
Ta' l-Allat;

Ġiet il-benna
T'Alla wieħed
Fuq dal-blat.

?

(Bla isem u bla data)

*Jien nitla' sal-Barrakka
Ma nfittex ftit mistrieħ—
Jew nitla' sal-Barrakka
Għax naf li qed nixjieħ?

Namrat ibus is-sieħba,
U s-sieħba ma tmerix;
Ta' ħajja ġdida l-bidu
—Ftit fsied u ftit tgħargħix.

Tfajla tgħannaq lil oħra,
Għax huma l-maħbubin,
Fi ħsiebhom biss li jaqblu,
Minn raġel imxennqin.

Kien hemm tfajla sinjura,
Imgħarrqa f'baħar flus,
Miġnuna fuq il-kelba,
Kull ħin lil Fifi tbus.

'Ma ġie ġuvnott ħamalli,
Sabiħ għala x-xanxè,
Addio Fifi tagħha—
"Żgur iva—Għala le?"

FRAMMENTI

(Bla data—mhix mitmuma ?)

Għandi sewsew quddiemi
Uffiċċju tal-X-Ray,
Jidħlu kbarat bil-pompa,
Joħroġ ir-ritratt tagħhom :
Ftit għadam,
Imbagħ'd xej' !

Fi żmieni għarbilt sewwa
Il-kotba tal-għorrief
.....

IL-ĦMAR

(Bla data—mhix mitmuma)
Il-ħmar xaba' minn sħabu,
Telaqha b'ġirja waħda
Għal qalb in-nies tal-bliet.

Ftit wara reġa' lura,
Għaliex, kif qal lil sħabu,
Dejquh il-ħmerijiet.

?

(Bla data—mhix mitmuma)

Minn kulma ħlomt f'żgħożiti —
Infittex—kollox baħħ.
Il-qalb xiħa w għajjiena
Ma tafx tgħid ħlief "aħħ".
Li ħlomt kien kollu ħolma,
Li għext kien ħajja biss.
Ah, kieku t-tnejn ingħaqdu,
Il-qamar kont immiss.
Issa qasira l-ħajja
U l-ħolm duħħan itir.

Ittra ta' Albert M. Cassola

LIL RUŻAR BRIFFA, IL-GENNA

Ta' ALBERT M. CASSOLA

Għażiż Rużar,

Talbuni nikteb xi ħaġa fuqek.

Kif taf int, xi ħaġa fuqek jiena kont diġà ktibtha meta inti kont għadek magħna f'dan il-wied ta' biki. Imma wara l-ħasda tal-mewt tiegħek, jiena minn rajja tħajjart nerġa 'nqimek billi niktiblek imqar daqsxejn ta' poeżija li tibqa' bħala tifkira ċkejkna għal dawk il-ħafna ħbieb li kellek, għal dawk li għad iridu jiġu warajna.

Niktiblek poeżija. Jien. B'poeżija tiegħi nfakkar Poeta bħalek. B'liema versi kont nista' noqrob lejn il-versi tiegħek? B'liema kliem kont nista' nersaq lejn il-kelma tiegħek?

Qtajt qalbi u ħallejt li l-ġieħ jagħtihulek ħaddieħor li l-poeżija jħossha bħalma kont tħossha int, li għandu l-ħila jdomm il-versi kif kont taf iddommhom int. Għalija baqa' x'niddedikalek biss l-istess kliem li jiena niddedika lil ommi, lil missieri, lil ħija, lill-għeżież kollha tiegħi: il-kliem sempliċi u qaddis tar-*Requiem aeternam*.

Mill-bqija m'iniex se ninsiek, qatt u qatt. Bħalma ma jinsiek qatt imqar min f'għomru kellmek darba waħda.

Issa jien żgur li mhux darba biss kellimtek, kif taf tajjeb int. Fid-Dipartiment li għal żmien twil jiena u inti ħdimna flimkien, jien impjegat ċkejken, inti tabib kbir, il-ħbiberija tagħna kibret, kibret b'kemm tista' tikber ħbiberija vera, sinċiera, tal-qalb. Qatt kelma iebsa minn fommok, qatt mossa ta' rabja, qatt ċanfira, qatt tgergira waħda.

Ħafna ħwejjeġ niftakar, iva, iżda x'jiswa li noqgħod insemmihom kollha? Biex nuri kemm kont twajjeb, minn tagħna, qalbek f'idejk? Min ma jafux dan? Daqsi u iktar minni?

Iżda dik id-darba li ġejt nurik l-Innu ta' l-Istudenti Universitarji li bih dħalt għall-konkors ta' l-S.R.C. għadha friska fil-memorja tiegħi. Malli int qrajt l-innu, nehħejt minn ħalqek is-sigarett inseparabbli (ma jaf swilekx ta' deni!), ħarist ħarsa lejja minn taħt in-nuċċali u għidtli: "Għalfejn ġejt turihuli? Jiena ma nafx min jista' jidħol għal dan il-konkors, imma lanqas ma naf min jista' jolqot l-ispirtu goljardiku iżjed milli lqattu int. Kif inhu, bla ma tmisslu virgola, fittex ibagħtu. Ma nara

li jista' jgħaddik ħadd''.

Hekk kien. Il-ġurija qablet għal kollox mal-ġudizzju tiegħek.

Dik it-tbissima wara l-verdett: ''X'kont għidtlek jien, Bert?''

Imbagħad darb'oħra meta jien ktibt xi nota bijografika tiegħek u ġejt nurihielek: ''Issemmix dan, issemmix dak; m'hemmx għalfejn tgħid kollox. Hawn ħafna aqwa minni. Tfaħħarnix wisq''.

Tas-Sliema nieżel minn ħdejn il-Blue Sisters fejn' kont toqgħod int. Għadni narak, mat-tifla, imgħannaq, mitluf warajha bħalma hija warajk. Dik it-tbissima ħelwa, dik il-qalgħa ħafifa tal-kappell.

U meta jien qrajt fuq ir-Rediffusion il-komment tiegħi għall-''Metamorfosi'': kif wara żidt tfissirli fuq iż-żmien meta ma' sħabek kont tmur tilgħab il-ballun fuq il-fosos li kien hemm quddiem Kastilja. Meta, m'ilux, jien ippubblikajt dawk il-komment fl-okkażjoni tal-ħarġa tal-ktieb tiegħek tal-poeżiji. Ir-ringrazzjamenti. Ir-rikonoxxenza. Fuq kollox, dejjem, l-umiltà.

Umiltà. Għal dik biss tinsab il-Ġenna! Imma magħha l-karità wkoll. Kemm pazjenti ħarġu mill-berġa tiegħek imfarrġin, imfejqin, bil-fjamma tat-tama tixgħel f'qalbhom mill-ġdid? Int żgur ma waqqajtx il-professjoni nobbli tiegħek biex tistagħna. Dak għax fqir, l-ieħor għax ħabib, l-ieħor għax ħabib ta' ħabib, dak għax kollega, dak għax ħawn, dak għax hemm, kemm kienu dawk li ħarġu minn għandek bla nefqu sold?

Lili stess. Ġejt għandek darba, bħala tabib. Għalxejn, qisni ġejt bħas-soltu, bħala ħabib. Dħakt bija. Wara tant paċenzja li inti ħadt, urejtni l-bieb ta' barra u bdejt iddawwarli wiċċek kull meta fittixt li nistaqsik x'kont obbligat: ''Obbligat jien'', bdejt tgħidli, ''tajtni okkażjoni nitkellem ftit miegħek fuq dak li aħna nħobbu nitkellmu. Mur 'il barra minn ħawn, gawdi x-xemx, saħħtek ma tistax tkun aħjar''.

Jien bqajt ninsisti. ''Aħna ħbieb jew m'aħniex? Kollegi jew le?''

B'hekk biss kont tifhem: bil-ħbiberija, bis-sħubija. Il-kotba tiegħi li tajtek imbagħad, int għożżejthom qishom kienu taddeheb.

''Hbieb mija u elf, professur. Kollegi mbagħad? Jiena m'iniex tabib, m'iniex professur. Jien bħalissa pazjent''.

Ma nafx ħadtx għalik għax ma fhimtikx li ridt tgħid li konna kollegi għallinqas fl-Arti jew għax sejjaħtlek professur.

Tabilħaqq li biex tissokta tingibed lejk kont trid issejjaħlek ħabib, jew aħjar Rużar.

Sentejn ilu Ruma. Nilmħek f'kafè u ġejt fuqek. Kont tidher kiebi u ndunajt mill-ewwel. Infxilt. M'għaraftx x'naqbad ngħidlek. Forsi ma kenitx safra ta' pjaċir. Bla ma staqsejtek, urejtek li kont lest biex ngħinek jekk qatt kellek bżonn xi ħaġa. Fhimtni. Jew ma kellek bżonn xejn, jew li kellek bżonn ma stajtx niswielek għaliħ jien. F'idejk kellek it-"Times of Malta". "Fejn sibt tixtriha?" staqsejtek mistagħġeb. "Jibagħtuhieli", għidtli.

Daqshekk. Issellimna u tlaqtek. Miegħi kelli l-mara. "Rużar ma jogħġobnix", għidtilha.

"Donnu għandu xi ħaġa", weġbitni, "ma jidhirx f'sikktu".

Meta ġejna Malta smajt li kont mort għal xi kura. Ġejt lura inti wkoll. Irġajna ltqajna. F'kafè ieħor, ħawnhekk. Tħadditna bħas-soltu. Fuq il-poeżija, fuq il-letteratura, fuq l-arti. Darba minnhom staqsejtek xi terminu mediku li ridt nuża f'biċċa xogħol tiegħi tal-palk. Ridt biss naf xi kelma. Għamiltli spiega sħiħa, twila, preċiża. Mhux l-ewwel darba li kont tgħallimt minnek. Din id-darba sirt naf ħafna ħwejjeġ.

Rużar Briffa. Għażiż Rużar Briffa. Kont se nsemmi affarijiet oħra. Imma le. Aħjar nieqaf hawn. Din id-demgħa ta' għajnejja ili nżommha. Issa waqgħet fuq il-karta. Hallini nagħlaq biha din l-ittra li tasallek żgur hemm fuq mnejn tista' tara aħjar l-imħabba tiegħi għalik, mnejn titlob għalija u għal niesek u għal ħbiebek...

Bħalma jiena, Rużar, bħalma aħna, Rużar, nitolbu għalik.

KRONAKA TAL-GĦAQDA

Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti qiegħda tħabrek biex titwaħħal fl-Università rħama li tfakkar il-ħidma tat-Tabib Rużar Briffa meta kien għadu student biex iwaqqaf "Il-Għaqda tal-Malti" fost sħabu l-istudenti.

Għal dan il-ħsieb "Il-Għaqda tal-Kittieba" stiednet lill-"Għaqda tal-Malti" u lil xi whud oħrajn biex jissieħbu magħha.

Is-Sinjurina Karmen Micallef Buħaġar, Membra Korrispondenti tal-"Għaqda" f'Londra, bagħtet somma ta' flus biex jitwettaq il-għan tal-"Għaqda'.

RUZAR BRIFFA — POEZIJI

Studju Kritiku

Ta' A.Z.

RUŻAR BRIFFA huwa poeta fil-veru sens tal-kelma—kien hekk sa mill-bidu tal-ħajja poetika tiegħu u baqa' dejjem hekk; jikteb ftit, imma biss meta tmissu l-lehma u mhux għall-okkażjoni. Il-versi tiegħu, għalhekk, huma dejjem frott ta' passjoni sensitiva li toħroġ imbaqbqa u mfawra mill-qalb; huma jibdew u jtemmu mal-mument ta' l-ispirazzjoni u ma jippruvaw b'ebda mod janalizzaw il-ħsieb jew il-ġrajja li jqanqluhom.

L-imħabba, imdawla mit-tagħlim ta' Kristu; il-ġmiel, seħer il-ħolqien t'Alla; il-ħolm tal-ħajja, ("Il-Għażla Tiegħi" p. 107), imsaħħaħ mit-tama, iżda li bosta drabi jisfa' fix-xejn u jnissel swied il-qalb—sentment li jtenni ruħu fil-poeżija ta' B.; —il-ħajja ta' dejjem, farag ta' l-imnikket ("Il-Holma Eterna" p. 74, "Sbuħija Immortali" p. 110, "Resurrectio Animae" p. 130) huma n-nixxigħat ewlenin li minnhom il-kitba tiegħu tieħu l-ħajja u tissawwar.

Għalhekk insibu l-P. jixgħel bl-imħabba għal art twelidu u l-ġens li jgħammar fiha ("Ġens Malti:" p. 7) u f'"Jum ir-Rebħ" (p. 68) ikanta l-qawmien tal-poplu tagħna f'versi li għall-qawwa tas-sentiment nazzjonali jħabbtuha ma' ta' l-akbar poeti Maltin.

U għax tassew Malti, ma jistax jonqos li t-twemmin ta' missirijietna, dik l-Emmna qaddisa li għaġnet il-ħajja Maltija sa minn żmien "Ħaġar Qim" (p. 50), ma għandux setgħa qawwija fuq il-poeta tagħna, jaħkmu bil-ħlewwa u jispiralu versi li jsaħħru bi ġmielhom għax sinċieri u ħerġin minn qalb tassew sensitiva. Ir-Reliġjon, għalih, hi ideal tassew ġenwin u l-aktar għoli li jsaħħu, ifarrġu u jirfdu meta jħoss ruħu mqalleb mid-lwejjaq u l-ferħ u mġebbed 'l hawn u 'l hinn mix-xejriet spiritwali jew materjali li jħabbtu l-ħajja tal-bniedem. F'dan issens ir-Reliġjon hi tassew nixxiegħa ħajja u art għammiela ta' poeżija mdawla mill-imħabba li Kristu ta lill-bnedmin, u mnikkta mill-frugħa tal-ħajja Maltija tal-lum, bħalma naraw fi "Ir-Rebħa ta' Settembru" p. 10, "Wieħed Biss" p. 35, "Il-Għid tal-Maħfra" p. 38, "Il-Għanja ta' l-Imnikket" p. 62, u "Il-Kotra u Jien" p. 79, "Mater Dolorosa", p. 111, "Tristis Est Anima Mea" p. 119, "Predestinazzjoni" p. 127.

Dawn is-sentimenti għandhom effett profond fuq il-qalb sensitiva tiegħu u minnhom jikseb ispirazzjoni qawwija li tixħet leħħa fuq dak li l-qalb imħarbta tal-bniedem tistor ġo fiha; il-ferħ u d-dwejjaq, it-tama u l-qtigħ il-qalb, l-illużjoni u d-disillużjoni.

Minn dan ġej li n-nota mużikali tal-versi ta' Briffa thossha titriegħed bi swied il-qalb, għax għall-P. il-ħajja hi fiergħa, tegħja u tintemm malajr ("Għajjiena, Le Xebgħana" p. 32), għaliex il-ħajja twiegħed u ma tagħtix dak li twiegħed la fl-imħabba ("Tfajla Toħlomx" p. 9) u lanqas fl-ideal ("Il-Kotra u Jien" p. 79—[Anestesija]) filwaqt li l-ferħ tal-ħajja jiġi bħal żiffa riħ f'lejla sajfija, li bħalha jgħaddi malajr u warajha terġa' taqa' s-sħana li ddejjaq ("Għasfur Igħanni" p. 69).

Fil-qofol tagħha, il-musa ta' R.B. hi lirika, jiġifieri soġġettiva, fejn il-P. juri lill-qarrej b'mod fin u delikat it-tqanqil ta' qalbu, anzi kważi joħorġu fil-berah għal kollox ("Lil Ommi" pp. 26-27, "Epithalamion" p. 34), saħansitra meta qalbu titniehed għaliex maħqur mill-ideal li ma jistax jintlaħaq fuq din l-art iebsa. F'dan is-sens il-P. hu egoista, jiġifieri l-*Ego* huwa l-qalba ta' l-ispirazzjoni tiegħu, jew fi kliem ieħor, hu jgħidilna kif ġrajja jew ħsieb jolqtu lilu u xejn aktar, bħalma naraw f'dk il-poeżija mistika ta' l-imħabba ("Kenn l-Imħabba" p. 20), fejn il-vers u l-ħsieb huma tant ħelwin li jgħaxxquk.

Barra li hu wieħed mill-aqwa poeti liriċi li bihom tissebbaħ u tiftaħar il-letteratura Maltija, R.B. hu wkoll mgħallem tal-ballata li hu kiteb f'diversi metri, imsawrin minn versi ta' ħlewwa ta' ħoss liema bħalu. Il-ġrajja li hu jagħżel biex ikanta, sew jekk għandha sfond storiku bħal "Il-Ballata ta' Harufa" p. 102 jew "Ballata" p. 36, sew jekk le, bħal "Il-Ballata ta' Erinni" p. 22 hi dejjem storja ta' niket li tqanqlek mhux biss minnha nfisha imma wkoll mill-mod li bih jippreżentahielna l-P.

Biex ngħiduha hekk, ma hawnx poeta liriku li ma nqediex bis-sunett biex ifisser is-sentimenti tiegħu. Għalkemm ma nistgħux ngħidu li f'din ix-xorta ta' kompożizzjoni poetika Briffa laħaq l-ogħla quċċata bħal Dun Karm f'"Dun Mikiel Xerri" jew Ġorġ Pisani f'"Lil Mikiel Anton Vassalli", b'danakollu hu ħadem mhux ħażin is-sunett petrarkjan bħal f'"Lil Qalbi" p. 12, u "Il-Milied" p. 25; wieħed, iżda jkollu jgħid ukoll li paragunati mal-poeżiji l-oħra ta' Briffa dawn is-sunetti huma xi ftit ebsin u li fuq kollox għandhom it-tmiem ta' l-aħħar terzina daqsxejn dgħajjef, għalkemm forsi dan ma jgħoddx għas-sunett "Tħażżinna Wisq" p. 45.

Xi ħamsa u tletin sena ilu, minn moħħ Franġisk Saverju Caruana, li dak iż-żmien kien Segretarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u ammiratur kbir ta 'l-istudent poeta R.B. għadda ħsieb ikrah. Min jaf, staqsa hu, jekk dan il-blanzun ħleju li beda jiftaħ kienx ser jibqa' jimla sakemm iwarrad, iżejjen ma' dwaru u jferrex il-fwieħa tiegħu ma' kullimkien? Fl-1927 ("Lil F.S. Caruaaa" p. 16) R.B. wieġeb li tkun tragedja għalih jekk il-musa tiegħu timmuta għaliex il-poeżija kienet ħolma li hu stess kien ħalaq ħalli ssabbar ftit qalbu—kif imbagħad reġa' tenna dan l-aħħar (1960) meta lill-qarrejja ta' din id-damma ta' poeżiji qalilhom li dawk il-versi swewlu ħafna ġid bħala "escapism". F'dik l-istess tweġiba nsibu l-fehma tal-P. fuq il-ħajja, kif kien iħoss ruħu maqtugħ għalih waħdu mill-bqija tal-bnedmin (ara wkoll "Mill-Ġdid Poeta" p. 47) għaliex kien poeta u kif fil-poeżija ried isib ir-raġuni ta' l-eżistenza tiegħu: igħix għas-sbuħija u jmut għaliha. ("Sbuħija", p. 105).

Għalkemm għal xi snin sħaħ il-P. tagħna donnu tbikkem quddiem il-ġrajja li ra ma' wiċċu (1935, 36, 37, 39, 49, 50) u baqa' sieket, b'danakollu nistgħu ngħidu li x-xewqa ta' Rużar seħħet għaliex matul medda ta' tletin sena huwa kanta: baqa' jferraħna bil-ġmiel tal-versi tiegħu, baqa' jdewwaqna l-għasel bnin tal-kelma Maltija, issemgħalna l-mużika ħelwa tal-metru Malti, iqawwilna qalbna fil-hemm, jaqsam magħna n-niket u l-ferħ, il-ħolm u l-qerq tal-ħajja, u fuq kollox ifisser dak li aħna nħossu iżda nostru ġo fina għax ma għandniex il-ħila nuruh filberaħ tal-kitba.

Fil-bidu tal-ħajja letterarja tiegħu ninnotaw li l-ispirazzjoni poetika kienet qawwija ħafna filwaqt li f'dak li għandu x'jaqsam mat-teknika, il-P. ma kienx għadu sod biżżejjed. Mażżmien, il-lehma donnha bdiet ta' xi kull tant tonqis mill-qawwa tagħha filwaqt li naraw iil Briffa jagħmel progress sew fit-tħaddim tal-vers, li kull ma jmur idoqq aktar melodjuż, kif ukoll, fil-għażla tal-metru, ħekk li bosta drabi jirnexxielu joħloq armonija l-aktar sħiħa u li tpaxxi lill-widna. F'dan il-kamp, infatti, R.B. baqa' dejjem jagħmel esperimenti ġodda sakemm iffissa ċerti metri li kienu milqugħa mill-poeti ta' warajh.

Ma nistgħux ma ninnotawx fl-aħħarnett li fi B. hemm vina romantika mħallta ma' l-element reliġjuż; anzi, nistgħu ngħidu li kien hu li, wara l-poeżija klassika ta' Dun Karm, Patri Cuschieri u Ninu Cremona daħħal din ix-xejra fil-poeżija Maltija li iffruttat fil-poeżija romantika ta' Ġorġ Pisani.

Minbarra dan kollu hemm xi ħaġ'oħra li tiġbed il-P. lejn il-qarrejja. L-ideat tiegħu huma sempliċi u hu jressaqhom quddiemna b'mod li jifhimhom u jħosshom kulħadd; imbagħad, barra li huma mfissrin f'versi li jdoqqu għall-widna, huma msawrin minn kliem korrenti, jiġifieri użati mill-kotra kbira tan-nies u rari tibqa' fid-dubju dwar it-tifsira ta' xi kelma. Dawn huma preġji kbar li jissoktaw jiġbdu l-qarrej lejn is-sabiħ u jkabbru l-apprezzament tiegħu għax-xogħol ta' dan il-POETA tal-ĠMIEL.

IN MEMORIAM

Ta' G. DELIA, S.J.

Li kieku taf, Rużar, il-firda minnek
Kemm kienet kiefra għalina!
U x'bahh u x'diqa u x'imrar ta' niket
Mewtek ħalliet hawn fina!

Li kieku taf id-dmugħ li ġelben waħdu
Fis-skiet moħbi ta' qalbna!
U t-tnehid, illi ħareġ minn qiegħ ruħna
U tar 'il fuq ma' talbna!

U kif tbikkimna, meta nxterdet f'daqqa
L-aħbar li mewt ħasditek,
U minn dawk li ħabbejt u ħabbejt f'ħajtek
Hekk bħal ħalliel serqitek!

Għax konna ħabbejniek! Għax, Rużar, qalbek,
Kienet bla qerq, bla dnewwa;
Qalb dejjem sħiħa, bla tagħwiġ, sinċiera
Li ħabbet biss is-sewwa!

Għax int kont twajjeb! Żammejt fik xi ħaġa
Mis-seher tat-tfulija,
Bla għira f'qalbek u fil-kliem, fl-imġieba
Ma wrejt ma' ħadd kburija!

Għax kien hemm fik, tħabbat f'sidrek magħluqa
Qalb ta' poeta kbira,
Tfewwaħ bil-benna tas-sabiħ u t-tajjeb
Li jfur fuq wiċċ ċil-gżira.

U f'qalbek ta' poeta kellek tħeġġeġ
Ta' mħabba safja l-ħrara,
Li minnha ħarġu l-poeżiji tiegħek
Jikwu tan-nar bħal xrara.

U biha, b'din l-imħabba, ħebbejt 'l għajrek
Habbejt lill-fqir u ċ-ċkejken
U nissilt dejjem dawl ta' ħajja u faraġ
Fil-qalb ta' kull insejken.

Il-lum, Rużar, għalkemm biss għadek fostna
Bil-fdalijiet ta' ġismek,
Imma għadek ħaj ġo qalbna u tibqa' magħna
Bid-dawl u l-ġieħ ta' ismek.

U nibqgħu inħobbuk u fik niftakru,
Fil-poeżija tiegħek,
Illi bil-qawwa tal-liriżmu tagħna
Tibqa' torbotna miegħek.

Ilqa', Mulej, lil dan il-qaddej tiegħek
Hemm fuq f'saltnet id-dija,
Li hu fil-ħajja dejjem xtaq u ħolom
Fil-ħolm tal-poeżija.

Agħtih, Mulej agħti lil ruħu għażiża,
L-ħena li l-qalb ixxabba',
L-ħena li r-ruħ tista' biss Minnek tixrob
Baħar ta' qies, ta' mħabba.

KELLIMNI FUQ RUŻAR

Ta' Ġuże' Cardona

Kellimni, kellimni, Sinjura mbikkija
Fuq Żewġek Poeta, Poeta mill-kbar;
Fakkarni f'li ġarrab tul ħajtu mogħtija
Għall-ġmiel, għat-tjubija... li sqewh bosta mrar.

Fakkarni x'kien igħidlek fuq Malta ħanina,
Fuq Malta li għanna b'imħabba tal-ġenn
F'*Ġens Malti*, f'*Ir-Rebħa*, ukoll f'*Jum ir-Rebħa*...
Fakkarni f'mħabbtu li bħalha ftit hemm.

Tennili x'kien jaħseb f'qiegħ ruħu sabiħa
Fuq Emmna, fuq Alla, fuq Omm l-Imnikktin;
Urini kemm sabar għallmitu dil-Fidi,
Il-kenn li sab fiha mill-ħqir tal-bnedmin.

Urini kemm xenaq Ružar għall-imħabba
Ta' niesu, ta' ħbiebu; kemm ħabb dan l-Ilsien
Li tiegħu sar prinċep għalkemm qatt ma tkabbar
U ġwejjed bħal tifel ried jibqa' sat-tmiem.

Għallimni, Sinjura, inħobbu wisq iżjed;
Berraħli kemm tista' il-qalb ta' Ružar;
Jekk qalbek isserraħ x'ħin fuqu titkellem
Issokta ħeġġiġli għalih dan in-nar!

Sliema, 1 ta' Mejju.

"TIBQA' WARAJNA L-GHANJA..."

TISLIMA LIL RUŻAR BRIFFA — POETA

Ta' ANTON AGIUS MUSCAT

F'SETTEMBRU ta' l-1956, Rużar Briffa stqarr miegħu nnifsu u mal-kotra fil-versi, 'Sbuħija Immortali' :

"Imut il-ward
Maħruq b'tgħanniq il-bard,
Sa l-għanja tas-sbuħija
Tal-għasfur
Biż-żmien tisfa mitfija.
Imm'aħna ma mmutux
Għax Immortali;
Tibqa' warajna l-għanja
Li tfittex l-Ideali —
Il-ġemgħa nies
Li ħolmu
Bħalek, bħali".

Il-poeżija ta' Rużar Briffa mhix poeżija li, sa mill-bidu li bdiet issamma' leħinha, mill-ewwel qabdet titħasseb jekk il-Muża u hi humiex tewmin, jekk hix se tibqa' għal dejjem, jekk hi se tingħatalha l-ġieħ li jistħoqqilha, u jekk il-bqija tal-bnedmin humiex se jagħrfuha u jqimuha : xejn minn dan. Fil-poeżija ta' Rużar Briffa qajla ssib il-poeta minn vers għall-ieħor italla' u jniżżel bla waqfien dwar il-qawwa tal-poeżija tiegħu, iżda meta qal kif jaħsibha, ma laqlaqhiex: "Imm'aħna ma mmutux... għax Immortali; Tibqa' warajna l-għanja... li tfittex l-Ideali..."

Nistħajjel li fil-versi kollha li kiteb Rużar Briffa ma hemmx aħjar minn 'Sbuħija Immortali' biex tagħtina tifsira ta' kif jaħsibha l-poeta fuq il-poeżija tiegħu, jew tarf sabiex nifhmu l-poeta nnifsu. Għalih il-poeżija hi wild ir-ruħ, u din il-ħajja tar-ruħ ma tintemmx. Il-poeżija tiegħu jħares lejha bħala d-dell ta' ruħu, li minn qaddisha maħluqa biex tfittex l-Ideali. Iżda l-poeta jkollu jħalli warajh il-poeżija tiegħu li tibqa' wara mewtu bħala wirt tiegħu nnifsu ; u Rużar Briffa jqis lilu nnifsu bħala poeta li jkollu jħalli warajh il-poeżija tiegħu bħala t-tiftix tar-ruħ lejn l-Ideali, waqt li hu nnifsu ma jintemmx għax il-ħajja li tagħnilu 'l ruħu laħqet l-Ideal wara l-mewt.

'Sbuħija Immortali' hi mera tal-lirika ta' Rużar Briffa. Għalkemm hu qajla jintilef fil-mili ta' kliem, l-arti tal-poeżija jagħraf iħaddimha tajjeb ħafna. L-isem ta' Rużar Briffa fil-qasam

tal-poeżija Maltija ma jinstamax jidwi u jerġa' jidwi bħal ta' poeti oħra ta' żmienu, ta' qablu jew ta' warajh. Jista' jkun li għax ma ressaqx il-poeżia tiegħu għal għajnejn in-nies daqskemm messu: hi x'inhi, iż-żmien għad jagħraf bil-wisq aħjar is-sengħa poetika ta' Ružar Briffa, u għad itenni u jtellet ismu.

Sa fl-aħħar, għall-ħabta ta' nofs is-sena 1960, il-għana ta' Ružar Briffa nġabar fi ktieb. Il-poeta kiteb daħla qasira qasira għall-ġabra ta' poeżiji tiegħu. Kulma kiteb kien: "Lill-Qarrejja. Qatt ma kelli l-ħsieb li nistampa dawn il-poeżiji fi ktieb. Uħud minnhom ktibthom fi żmien ta' dwejjaq kbar, oħrajn ta' ferħ. U ktibthom għalija, u swewli ħafna ġid bħala 'escapism'." Wara dawn il-kelmtejn, kiteb tislima minn qalbu lil martu, is-Sinjura Louisette, u lill-ewlieni fost il-ħbieb, il-Patri Valentin V. Barbara, Dumnikan, li ħadmu biex sa fl-aħħar tkun tista' tidher il-poeżija tiegħu miġbura taħt saqaf wieħed Imn'Alla sar dak li sar; u tabilħaqq inħoss li għandi nistqarr li l-ħeġġa tagħhom ħaqqha li nibqgħu nafuhielhom.

Dawn il-kelmtejn ta' dħul il-ktieb tal-ġabra, 'Poeżiji', għalkemm daqsxejn xotti, ta' min jżinhom. L-ewwel ħsieb li jgħaddieli minn moħħi hu kif il-Poeta bħallikieku ma jixtieqx iħalli l-fehmiet jew taħdit tiegħu jdellu d-damma ta' poeżija: biex ngħid hekk, mhux l-imgħallem igħodd, iżda x-xogħol jaf jitkellem għalih waħdu. It-tieni ħsieb li jolqotni hu li l-Poeta, bejn mistħi u bejn b'wiċċu minn quddiem, igħidilna bla tlaqliq li l-poeżija kitibha fuq kollox għalih innifsu u li ħsiebu ma kienx li jdomm ħannieqa għana sabiex biha jidher quddiem il-kotra jew jibni ġabra ta' kitba. Thoss li l-Poeta, matul is-snin, beda jħalli fil-versi mera ta' ruħu u ħsibijietu, u l-poeżija minn taħt idejh inħolqot, inbniet u nġemgħet mhux bħala poeżija mistrieħa biss fuq il-bini tal-vers, iżda bħala poeżija li taqdi l-ħtiġijiet ta' ruħu u t-tqanqiliet ta' qalbu. Bla ma ried, ħa ngħid hekk, il-Poeta Ružar Briffa kellu jistqarr li l-għana ta' qalbu ma nkitbitx għal wiċċ xejn ieħor ħlief għall-Arti nfisha, u hawn jinsab is-siwi tax-xogħol letterarju ta' Ružar Briffa. It-tielet ħsieb hu mżewweġ mat-tieni. Il-Poeta jagħtina ħjiel ta' x'kien li daqqiet ġiegħlu jikteb il-poeżija tiegħu meta jgħid: "Uħud minnhom ktibthom fi żmien ta' dwejjaq kbar, oħrajn f'ta' ferħ". Mela wieħed ma jitqarraqx meta jikteb li d-dieqa u l-ferħ qanqlu mhux darba u tnejn il-Poeta biex ifisser ħsus qalbu u jagħti t-tqanqiliet ta' ruħu għamla poetika. Isimgħu ftit kif Ružar Briffa jagħraf ifisser ruħu fil-qosor b'sengħa ta' mgħallem. Nieħdu dehra waħda tal-ħajja fejn in-niket isaltan.

"FL-INDJA

...u jiena smajt id-daħka,
id-daħka ħadranija
ta' mitt lebbruż u wieħed
fil-waħx ta' filgħaxija;

u demmi kesaħ fija,
għall-ewwel darba mitt:
għal żmien indfint ħaj mejjet,
għal żmien mill-għana skitt."

U minn versi bħal dawn fejn il-qarrej ma jistax ma jġibx quddiem għajnejh dehra li twaħħax, ejjew nagħtu titwila għall-vrus li juruna kif il-Poeta b'qalbu mimlija ħares lejn il-ġejjieni f'dawn is-siltiet mill-poeżija, "Mill-Ġdid Poeta" :

"Il-ferħa ta' bla tarf li jien poeta
darba ħassejt,
u bkejt
bil-qalb mimlija
x'ħin l-ogħna ħolm tal-ħajja
għannejt.
.....
" 'Ma llum erġajt għal għonq it-trig tal-għana;
reġa' ma' dwari dawl il-poeżija
inissel dija,
u smajt is-sejħa
sbejħa
ta' min ġo qalbu jaf li hu poeta".

Barra dawn il-ħsibijiet li jgħaddu minn moħħi kif wieħed jaqra d-daħla 'Lill-Qarrejja' li Rużar Briffa kiteb għall-ġabra, 'Poeżiji', irrid nistqarr x'laqatni meta għall-ewwel darba ġie f'idejja l-ktieb 'Poeżiji'. Dil-ġabra ta' poeżiji tħaddan, barra d-dedika u 'Lill-Qarrejja', il-poeżiji nfushom. Id-dedika u 'Lill-Qarrejja' jagħmlu ħolqa fil-ħsieb, għax il-Poeta jiddedika l-ktieb lil martu, is-Sinjura Louisette, u lil ħabibu, P. Valentin Barbara, u nofs 'Lill-Qarrejja' tgħid għaliex id-dedika għandha tkun hekk. Meta rajt il-ktieb f'idejja u barra l-kelmtejn ta' l-awtur ma sibtx xi 'daħla' oħra miktuba minn xi ħadd barrani għall-Poeta, ħadt ir-ruħ. Qajla tista' tinżilli dik il-għada ta' xi whud mill-kittieba, żgħażagħ jew xjuħ, magħrufin jew mhumiex, li bħallikieku jinħtieġu l-kelmtejn ta' ħaddieħor sabiex dan qisu jnewwel ix-xogħol tagħhom għad-dehra tal-kotra. Għalkemm

għaddieli minn rasi li Ružar Briffa seta' aktarx tħaddet aktar fit-tul dwar il-poeżija tiegħu, b'danakollu ħadt in-nifs meta rajt li l-Poeta ma għabbiex il-ġabra b'kitba għariba minn tiegħu.

Fil-kelmtejn 'Lill-Qarrejja' Ružar Briffa kiteb: "Issa fl-aħħar qegħdin f'idejkom — li sar, sar, għall-aħjar jew għall-agħar". Mingħajr tlaqliq ngħid dan: li kieku kien biss għall-ħsieb li Ružar Briffa tana ġabra ta' poeżija sabiex ix-xogħol poetiku tiegħu nkunu nistgħu nsibuh taħt saqaf wieħed u hekk ikun jista' jasal f'idejna kien ikun 'għall-aħjar' dejjem, aħseb u ara kemm hu tabilħaqq 'għall-aħjar' li sar hekk meta l-għana tiegħu hu tajjeb fil-lehma u fis-sengħa. Il-Poeta Ružar Briffa qajla kien iħobb ixandar il-qawwa poetika li l-għana tiegħu tiġbor fi ħdanha, u xhieda għal dan ma għandniex għalfejn immorru 'l bogħol wisq: hu biżżejjed jekk terġa' taghti daqqa ta' għajn lejn 'Lill-Qarrejja' li kiteb hu nnifsu għall-ġabra tiegħu, 'Poeżiji'. Inħoss fija li fuq fommu kienet tfiġġ tbissima ċkejkna ta' ferħ u għajnejh jimtlew bid-dawl ta' tifkiriet taż-żgħożija bħalma ġara meta kont kellimtu s-sajf li għadda dwar ġabra ta' 'tifkiriet' ta' kittieba tal-Malti li qiegħed indomm, li kieku sema' dak li mhux darba jew tnejn smajt jien mingħand studenti universitarji Maltin. Laqtuni ħafna l-kliem u l-fehma ta' studenti universitarji Maltin, uħud minnhom li l-letteratura Maltija bil-kemm il-kemm ma jarawhiex toqol barrani għall-istudji xjentifiċi tagħhom. Il-fehma li smajt hi din: bosta huma l-ismijiet ta' poeti Maltin li qegħdin jissemmew issa għad ininu mażżmien, waqt li l-poeżija ta' Ružar Briffa għad issib min iġħożżha bil-wisq aktar milli qatt ħabbewha, semmewha u faħħruha f'ħajtu. Meta staqsejt għaliex dan għandu jsir, it-tweġiba li tawni kienet: Ružar Briffa hu poeta mhux li jfittex il-Muża meta fih ma għandux is-sengħa, iżda l-Muża taqdi lilu, trid jew ma tridx. F'kelma oħra wieħed irid ifisser li Ružar Briffa hu poeta mhux tal-versi iżda hu poeta minn għeruqu. Jien nistħajjel li Ružar Briffa kien iwieġeb li l-poeżija tal-poeti l-oħra Maltin fiha l-benna tagħha u jistħoqqilha ngħożżuha—u xhieda sħiħa ta' dan huwa x-xogħol li ta sabiex, flimkien mat-Tabib Ġużè Bonnici, iwaqqaf il-Għaqda tal-Malti (Università). Barra dan, Ružar Briffa kien iħossu — jekk mhux fid-deher iżda f'qalbu — kburi bil-ħaqq kollu li mhux biss ħadem biex iwaqqaf Għaqda sabiex l-istudenti universitarji Maltin iweġġħu u jkattru l-kitba Maltija iżda fuq kollox hu għaraf iħalli wirt letterarju tajjeb ħafna, sabiex ma ngħidx mitqlu deheb. Ružar Briffa sawwar għalih innifsu fakra

dejjiema fil-qasam poetiku Malti, għax ix-xogħol letterarju tiegħu jistħoqqlu jkun magħqud bħala ġawhra.

Il-Poeta ma għadux aktar igħodd mad-dinja tal-ħajjin fuq din l-art. Bħalma ktibt fi *It-Torċa* tal-Ħadd, 10 ta' Marzu, 1963 sabiex quddiem il-kotra nsellem lilu u miegħi niġbor it-tislima tal-kotra, lill-Poeta ma nsellmulux it-tislima ta' l-aħħar għax għall-Poeta hemm tislima ta' dejjem. Il-poeżija, meta tkun biċċa xogħol ta' l-arti, ma jġarrafhiex iż-żmien, u jekk jiġi żmien li jkun kiefer magħha u jwarrabha, għad jiġi ieħor waraji li jagħraf u jfakkar dik il-għana moħbija fil-kefen taż-żmien. Wara kollox, hu dmir tal-kotra li tgħożż il-wirt tal-poeta. Mhux bilfomm biss, iżda bil-għemil hu xieraq li l-kotra tifhem il-wirt letterarju tal-kittieba tagħha.

Rużar Briffa għad aktarx jagħrfuh bħala wieħed millewliena, jekk mhux l-aqwa mill-ewliena, minn dawk il-poeti li fil-letteratura Maltija ħarġu 'l barra, jew għallinqas tħajru jeħorġu 'l barra mir-radda u t-triq ta' poeti ta' qablu u ta' żmienu. Rużar Briffa fittex triq oħra minn dik li tagħmel minn poeta bniedem mgħallem fis-sengħa poetika u li jkollu jaqdi s-sengħa kif trid id-drawwa jew ix-xejra tradizzjonali li taħkem madwaru. Rużar Brffa ġiegħel is-sengħa taqdih u ma kitibx biex jaqdi s-sengħa ta' kif issawwar vers poetiku tradizzjonali. Huwa tana poeżija soġġettiva; huwa kiteb għamla ta' għana mhux ta' x'tistenna l-bqija mingħand poeta, iżda x'jistenna l-poeta mingħand il-poeżija. F'idejn Rużar Briffa l-poeżija ma taqdihx bħala għodda sabiex igħanni r-rebħiet u jitbekka bit-telfiet fil-gwerer, lanqas sabiex ifisser emmnu, iżda sawwarha bħala ħolqa bejnu bħala poeta u bejn il-bqija li miegħu naqsmu t-tlugħ u nżul tal-ħajja li hu għadda minnha, bħalma jrid igħaddi minnhom kull bniedem li jkollu jerfa' t-tiġrib tal-ħajja.

Għalkemm fil-poeżija, 'La Mmut', hu xtaq biss:

"Idfnuni 'l bogħ'd 'il bogħ'd,
Fejn qalb l-ibħra tirtogħ'd
Hiemda, serħana,
Għax ma' l-art le tmiss.
Xejn iżjed, xejn..."

ma jistax ikun li ma nibqgħux ngħożżu l-wirt letterarju ta' dal-Poeta, li tana ġabra ta' poeżija tajba, sabiex miegħu nistgħu nifirħu u wkoll nġarrbu t-tqanqiliet ta' ruħu, mingħajr ma talab xejn minn għandna.

GĦELUQ

Bħala għeluq tat-Tifkiriet li nkitbu f'dan in-Numr Speċjali ta' "Il-Malti" fuq il-Poeta Liriku RUŻAR BRIFFA, inġibu dawn iż-żewġ poeżiji li kienu nkitbu, waħda minn Rużar Briffa fl-1927, u l-oħra mill-ħabib tiegħu s-Sur F.S. Caruana fl-1928, bħala tweġiba.

LIL F.S. CARUANA

(Dehret l-Ewwel darba f'Il-"Pronosku Malti" ta' l-1927)

Ta' R. BRIFFA

Trid taf, Saver, jekk għadx nissokta ngħanni
la jaslu fuqi s-snin minn tat-tbatija?
'Ma x'nagħmel jien jekk tiskot ġewwa qalbi
il-għanja ħelwa, il-għanja taż-żgħożija?!

Kif nista' qatt inbiegħed minni l-ħolma
li jien stess ħloqt ħa ssabbar ftit lil qalbi?
Min jiġi mbagħ'd ħa jhenni lil din ħajti
u jreġġa' għas-sewwa 'l xewqti 'il ħsiebi, 'il talbi?

Int taf, Saver, li nżomm il-ħajja b'fiergħa
u aktarx li jiena sirt ma nemmen f'ħadd,
'ma x'jibqa' fija jien jekk niċħad ħolmti
u nisfa' bniedem ħekk... bħal mhu kulħadd?

Mhux hekk, Saver, mhux jien irrid ħajti;
twelidt ħa ngħix, ħa mmut wara s-sbuħija,
ħa ngħolli ħsiebi fuq il-ħsieb ta' sħabi,
twelidt ħa ngħanni dejjem sa x-xjuħija.

U 'kk qatt għad tehda din il-ħrara tiegħi,
u ħsiebi iżjed ma jissaħħar b'xejn,
jien neqred għala dejjem din il-ħajja,
għaliex tkun fiergħa, tkun ma tiswa għalxejn.

Imbgħ'd, Saver, int li tkun taf bil-ħolma
—il-ħolma għażiża li sebbħitli l-ħajja—
ejja fuq qabri, naqqax fuq l-irħama:
"Hu miet għax le ma xtaq ikun mal-qtajja' ".

LIL RUŻAR BRIFFA

(Dehret fil-"Pronostku Malti" ta' l-1928)

Ta' F.S. CARUANA

Għad jgħaddi ż-żmien, Ružar, bħal ħolma mbiegħda
U għad niltaqgħu ħiemda b'qalb mitfija
Fi xfar l-irdum, inħarsu lura u ngħidu:
"Fejn huwa, ħerba, ż-żmien minn taż-żgħożija?"

"Fejn huma l-jiem li qalbna kienet waħda
U ħsiebna bħal farfett iżur il-ward:
Infittxu l-hena u nsibu l-hena mħallta,
Għax hena mħallta biss hemm fuqha l-art!

"W infittxu lil xulxin ħa nferrħu għommitna,
W insabbru lil xulxin bl-istess ħemm tagħna;
Għax qbilna f'kollox: fl-hena w fit-tbatija
Għax qbilna sa fix-xejra minn tal-għana!

" U qbilna sa fil-ħsieb li jqalleb moħħna,
U qbilna fit-tbissima ta' xoffitna,
U qbilna fit-tektik ta' ġo sidirna,
U qbilna sa fix-xejra ta' mħabbitna!...

"U għadda ż-żmien, 'ma l-għanja baqgħet fina:
Il-għanja ħelwa, l-għanja taż-żgħożija,
U għad li ma stajniex niktbuha dejjem
Go qalbna twieldet... għexet bla tbatija".

Għad jgħaddi ż-żmien, Ružar, u għad niltaqgħu
Fi xfar l-irdum, imkaxkra mix-xjuħija,
U għad li ħsiebna ikun għajjien bid-dinja,
Il-għanja fina tibqa' taż-żgħożija.

18.4.1927

NOTA EDITORJALI: Iż-żewġ poeżiji "Lil F.S. Caruana" ta' Ružar Briffa (Pronostku 1927) u "Lil Ružar Briffa" ta' F.S. Caruana (Pronostku 1928), kienu ġew maqlubin bil-Franċiż minn Laurent Ropa u miġjubin fil-ktieb tiegħu "Pöetes Maltais".